



30.1.2015

AVVIŻ LILL-MEMBRI

Suġġett: Petizzjoni 2033/2013, imressqa minn A. C., ta' ċittadinanza Taljana, dwar restrizzjonijiet fuq id-dritt ta' residenza permanenti għaċ-ċittadini tal-UE fi Spanja

1. Sommarju tal-petizzjoni

Il-petizzjonanta qed tipprotesta kontra d-diffikultajiet li hi u żewġha sabu biex jiksbu d-dritt ta' residenza permanenti fi Spanja, kif previst fid-Direttiva 2004/38/KE. Apparti li ntalbet tagħti provi li hi u żewġha kienu qed jgħixu Spanja għal perjodu kontinwu tul dawn l-aħħar ħames snin, l-awtoritajiet tal-pulizija Spanjoli talbuhom evidenza dokumentata dwar is-sitwazzjoni finanzjarja u tal-assikurazzjoni tagħhom.

Dawn ir-rekwiżiti imposti mill-awtoritajiet Spanjoli jmorru lil hinn mid-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2004/38/KE, li tistipula biss li l-persuna trid tkun għexet fi Stat Membru għal aktar minn ħames snin.

2. Ammissibilità

Iddikjarata ammissibbli fis-7 ta' Awissu 2015. Il-Kummissjoni ntalbet tagħti informazzjoni (l-Artikolu 216(6) tar-Regoli ta' Proċedura).

3. Risposta tal-Kummissjoni, li waslet fit-30 ta' Jannar 2015

Il-Kummissjoni mhijiex konxja li qed issir applikazzjoni allegatament ħażina tar-regoli li jikkonċernaw id-dritt ta' residenza permanenti fi Spanja.

Il-Kummissjoni tista' tagħti bidu għal proċediment ta' ksur kontra Stat Membru jekk temmen li l-Istat Membru kiser id-dritt tal-Unjoni. F'każ ta' prattika amministrattiva li tikser id-dritt

tal-Unjoni, il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea tirrikjedi li l-Kummissjoni tipprovdi informazzjoni li turi, permezz ta' provi dokumentati u dettaljati biżżejjed, l-eżistenza ta' prattika amministrattiva li tikkostitwixxi ksur u li trid tkun, sa ċertu punt, ta' natura konsistenti u ġenerali.

Madankollu, skont l-informazzjoni li f'dan l-istadju tinsab għad-dispożizzjoni tal-Kummissjoni, ma tistax tiġi stabbilita l-eżistenza ta' prattika amministrattiva ta' natura konsistenti u ġenerali li tikkostitwixxi ksur.